**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 250/2018 CFF**

**Joseph Scicluna**

**vs**

**Maria Abela**

**Illum 20 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' **Joseph Scicluna**, fejn espona:

1) Tirritorna s-somma ta' għaxart elef (10,000 ewro) jew somma verjuri depożitati miegħek mill-attur;

2) Tirritorna c-ċavetta spare tal-vettura tal-attur jew alternittavament tħallas il-valur tal-istess ċavetta fis-somma ta' 700 ewro jew somma verjuri;

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 1804/18 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1905/18 u bl-imgħaxijiet u l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **Maria Abela** fejn esponiet:

Illi t-talbiet tal-attur Joseph Abela (sic) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimata qatt ma rċeviet is-somma ta' għaxart elef ewro (10,000 ewro) mill-attur.

Illi sussegwentement mhux minnu li l-intimata għandha c-ċavetta tal-vettura tal-attur stante li din qatt ma ġiet depożitati magħha mill-attur jew b'xi mod kienet fil-pussess tagħha;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur ngunt in subizzjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Joanna Bartolo** qalet li hija taħdem mal-Bank of Valletta u esebiet żewġ bank statements fejn wieħed minnhom infetaħ fl-4 ta' Diċembru 2015 u ingħalaq fl-10 ta' Ġunju 2017 waqt li kont ieħor infetaħ fl-4 ta' Diċembru 2015 u kien għadu miftuħ.

Meta reġgħet xehdet fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021, ikkonfermat li Maria Abela kellha biss żewġ kontijiet u liema dokumenti hija kienet diġà esebiet fis-seduta ta' qabel. Hija ikkonfermat li l-kont li kien infetaħ fis-sena 2015 kien ingħalaq fis-sena 2017.

**David Cachia** fejn kien ġie mitlub sabiex joħroġ stima ta' ċavetta ta' vettura li kien jammonta għal 416.30 ewro. Huma jitolbu l-VIN tal-vettura sabiex jkunu jistgħu jagħmlu ċavetta oħra u jkun hemm bżonn coding. Huwa esebixxa wkoll dokument DC1.

Meta reġa' xehed fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 esebixxa stima għal ċavetta oħra fejn il-prezz tagħha kienet ta 411.99 ewro.

**Joseph Scicluna** qal permezz ta' affidavit li huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta Maria Abela għal madwar tlett snin flimkien ma' bintha. Huwa qal li kienu jgħixu fl-istess dar flimkien u kien joħroġ ħafna flus għaliha sabiex jinxtara ikel u affarijiet oħra. Huwa esebixxa dokument bl-isem ta' Joseph Stellini liema ammont ta' flus huwa kien ta lil l-istess konvenuta iżda qatt ma kien inghata lura dan l-ammont. Huwa kien jaħdem mal-kumpanija Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd fis-sena 2017 u kien hemm mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ

kontrih fiż-żmien tas-sena 2017. Illi sabiex ma jkunx hemm flus maqbuda minħabba dan il-mandat ta' sekwestru, kien qal lil Maria Abela sabiex tiftaħ kont f'isimha u ġew depożitati s-somma ta' għaxart elef ewro (10,000 ewro). Kien hemm ukoll VISA card li kellha tghati lilhu halli jkun jista' juża. Wara li kien ħassru marret tagħmel rapport mal-Pulizija li kien hadielha l-card u meta mar biex jiġbed il-flus ma setax jagħmel dan għax ġiet meħuda mill-magna.

Meta xehed in kontro-eżami qal li huwa meta kien jaħdem ma' Fahrenheit kien jithallas bi flus kontanti minħabba l-problemi li kellu. Il-ftehim magħha kien li jinfetaħ kont bankarju halli jpoġġi l-flus. Huwa innega li xi darba kienet sellfet xi flus lilhu u qatt ma kien mar l-għassa sabiex jagħmel rapport fuq iċ-ċavetta kif qalet hi iżda hija kienet bagħtet messaġġ fuq din iċ-ċavetta.

Illi huwa kompla li l-konvenuta kienet ħadet ukoll c-ċavetta tal-vettura tiegħu tal-BMW li hija reġistrata fuq missieru iżda jagħmel użu minnha hu. Illi fil-fatt tant kemm ħadet hi din il-vettura li kienet bagħat messaġġ (ara dok JS2) li juri li bdiet tinkieh biċ-ċavetta li hija ħadet.

Illi permezz ta' affidavit ieħor kompla jispjega li kien seta' qalilha biex tiddepożita l-flus xi ġurnata qabel id-data li huwa semma. Huwa qal li ma jistax jifhem kif Maria Abela kienet iddepożitat il-flus fl-ammont ta' 8,000 ewro u wara poġġiet 2,062 ewro oħrajn. Huwa kien qal li kien ġibed il-flus ta' 500 ewro fl-ammonti ta' 250 kull darba.

**Anthony Scicluna** qal li ibnu Joseph Scicluna kien f'relazzjoni ma' Maria Abela u kien għaddielha xi flus iżda qatt ma kien preżenti. Maria Abela kienet tiġi għandhom id-dar u kienet tgħid li taf li għandha tagħti l-flus.

**Gemma Scicluna** tgħid li t-tifel tagħha kien ta xi flus lil Maria Abela iżda ma kienetx ħdejhom meta ingħataw dawn il-flus però ġieli tkellmu fuqhom fil-preżenza tagħha. Meta kienet tara fit-triq u tistaqsi għal flus ta' binha, Maria Abela kienet tgħid li sejra tagħtih dawn il-flus.

**Maria Abela** xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet li hija kienet miżżewġa lil ċertu Renald Abela u fis-sena 2015 ħadet is-separazzjoni minn miegħu. Id-dar li kellhom kellha tinbiegħ. Flus minn dan il-bejgħ żammithom in kontanti u poġġiethom fir-residenza ta' fejn kienet toqgħod ma' Joseph Scicluna. Ir-relazzjoni mal-attur ma tantx kienet sejra tajba tant li fis-sena 2017 iddepożitat is-somma ta' 8,000 ewro minn dak li kien baqalha. Hija kompliet tgħid li l-

attur kien jaf kollox fuqha minħabba li hija kellha relazzjoni miegħu għal madwar erba' snin. Hija kienet sellfet is-somma ta' erbat elef(€4000) lill-attur minħabba ħlas tal-avukat tiegħu u spejjeż tal-Qorti. Huwa kien jaħdem mal-kumpanija Fahrenheit Logistics u kompla jitfa flus in kontanti li hija kienet iddepożitat fil-kont bankarju tagħha. Ma kienx minnhu li hija fetħet kont għan-nom tiegħu u kienet ukoll tħallas spejjez tas-self li huwa kellu mal-bank. Skont hi din il-kawża hija biss vendikazzjoni. Rigward iċ-ċavetta hija qalet li minħabba li beda jsir vjolenti ħarbet mid-dar bil-karozza tiegħu u wara li kien sar rapport kienet tatu c-ċavetta lura mal-Pulizija.

Meta xehdet in kontro-eżami fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023 hija qalet li x-xerrej kien ħallas flus in kontanti u parti kien ha loan mill-bank. Hija qalet li żammet is-somma ta' tmint elef (€8000) mill-ammont ta' flus kontanti li tahom ix-xerrej. Hija qalet li mis-somma kienet iddepożitat it-tmint elef Ewro (€8000) li kien baqalha u minħabba li ma kienux sejrin tajjeb tefgħet il-flus il-bank. Illi l-flus li kienet iddepożitat tas-somma ta' madwar elfejn ewro (€2000) kienu ħlas li huwa ta lura minħabba li kien issellef mingħandha. Hija ikkonfermat li l-attur kien isellifa l-flus u kienet dejjem ħallset lura. Illi r-rapport mal-Pulizija kien hu li għamlu u mhux hi rigward iċ-ċavetta.

**Dr Gianni Grima** qal li huwa l-avukat tal-kumpanija Fahrenheit Logistics. Huwa qal li l-attur għamel mis-sena 2014 sas-sena 2019 jaħdem magħhom fejn kien jithallas tax-xogħol b'permezz ta' cheque.

**Ikkunsidrat**

**Fatti li taw lok ghall-vertenza**

Dan il-każ jirrigwarda talba għal ħlas lura ta' madwar għaxart elef ewro (€10,000) kif ukoll ċavetta ta' vettura li skont l-attur il-konvenuta Maria Abela kienet iddepożitat is-somma ta' flus f'kont bankarju li hija fetħet għalih. Waqt li c-ċavetta kienet giet meħuda minnha meta kienet telqet mid-dar.

Illi l-attur qiegħed jitlob il-ħlas lura ta' dawn il-flus li ta lill-istess konvenuta kif ukoll c-ċavetta tal-vettura tiegħu li skont hu kienet haditha u minħabba li jrid jagħmel oħra minħabba l-fatt li l-konvenuta setgħet tiftaħ din il-vettura. Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid l-

Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi għalhekk huwa neċessarju li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Illi l-Qorti tagħmel referenza għal każ deċiż fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), fejn il-Qorti qalet hekk:

> *"illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time."* Skond l-intimat, *"l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom."* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:
>
> *"Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ebda wieħed mid-dokumenti ma huwa ġuramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi aħwa Farrugia illi fiha bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi huma baqgħu studenti full time wara li għalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi suffiċjenti sabiex fuq bażi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-ċirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konklużjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti mogħtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tiegħu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawża kienet giet differita 'ghall-ahhar darba għal-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tgħaddi ghas-sentenza*

*fuq il-provi li għandha.' Għaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi miċħud"*

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

*"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."*

Illi f'dan il-każ hemm diverġenza shiha fuq dak li qalu l-partijiet f'din il-kawża. Illi jidher mill-fatti tal-każ li fis-sena 2015, il-konvenuta fetħet kont bankarju u fih ġew depożitati s-somma ta' tmint elef Ewro (€8000) kif ukoll somma oħra ta' madwar elfejn ewro (€2000) u dan fis-sena 2017. Illi mir-rendikont bankarju jidher li dawn il-flus ġew depożitati lejn l-ahhar li kienu spiċċaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Illi dak li qal l-attur fuq il-kwistjoni tal-flus kien li fis-sena 2017 kien ta somma ta' flus ta' madwar għaxart elef (€10000) sabiex tiddepozitahom fil-kont bankarju tal-konvenuta minħabba li kellu mandati kontra tiegħu. Illi skont hu, dak li qal fl-affidavit li:

"*Il-ftehim kien li hi tiftaħ kont bankarju ġdid fuq isimha dakinhar stess u diddeposita l-flus go fih, u wkoll li tagħmel Visa card u ttiha lili.*"

Illi minn din is-silta ma hawnx qbil dwar meta infetaħ il-kont bankarju li suppost kellhom jiġu mitfugħa dawn il-flus. Illi minn dak li qalet l-istess rappreżentant tal-Bank of Valletta qalet li il-kont li kien hemm fuq isem l-istess konvenuta kien infetaħ fis-sena eżattament fl-4 ta' Diċembru 2015 u ngħalaq fl-10 ta' Ġunju 2017. Kien hemm kont bankarju ieħor fuq isem l-istess konvenuta li baqa' miftuħ. Illi din il-Qorti tinnota li dak li suppost ġie depożitati f'dan il-kont bankarju li nfetaħ għal-iskop sabiex jitpoġġew il-flus tal-attur ġie mitfugħ sentejn qabel li suppost kellu jinfetaħ. Illi huwa kien ċert li ta dawn il-flus eżatt f'Ottubru tas-sena 2017 tant li kien assoċja ma' delitt li kien sar dak iż-żmien. Illi però mhux spjegabbli għala il-ftehim kien li dakinhar jinfetaħ il-kont u cioè' fis-sena 2017 iżda dan kien miftuħ fis-sena 2015. Illi għalhekk

din il-Qorti għandha dubji dwar dawn il-flus kif tpoġġew ġewwa dan il-kont. Illi kif ingħad hawn fuq sta għal-attur illi jipprova l-każ tiegħu u mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti ma tistax tara kif dawn il-flus li tpoġġew fis-sena 2017 u meta minn kliemu stess suppost dawn il-flus tpoġġew fil-kont li suppost kellu jinfetaħ dakinhar. Illi però dan il-kont kien mitfugħ ferm qabel u mix-xhieda tal-istess rappreżentant tal-Bank irriżulta li ma kienx hemm kontijiet oħrajn li nfetħu f'dak iż-żmien. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu in konsiderazzjoni dak li qiegħed jgħid l-attur dwar kif eżatt ġraw il-fatti.

Illi rigward iċ-ċavetta tal-vettura, din il-Qorti għandha sitwazzjoni totalment differenti. Illi min-naħa tal-konvenuta tgħid li c-ċavetta kienet giet mgħoddija lilu u dan wara li kien hemm intervent tal-Pulizija, dan il-fatt għal Qorti mhux qiegħed jagħmel sens. Illi mill-messaġġ li ġie esebiet f'dawn il-mori tal-kawża, u li ma ġiex ikkontestat li ma kienitx l-istess konvenuta li bagħtet dan il-messaġġ, juri biċ-ċar li hija ħadet din iċ-ċavetta tant li kienet għajret lill-istess attur fuq dan il-fatt. Illi għalhekk tara li fil-fatt kienet l-istess konvenuta li ħadet din iċ-ċavetta u għalhekk għandha tħallas l-ammont sabiex tkun tista' tinbidel.

**Decide:**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi -

1. Tiċħad l-ewwel talba tal-attur Joseph Scicluna;
2. Tilqa t-tieni talba u tordna lill-konvenuta Maria Abela tħallas lill-attur Joseph Scicluna is-somma ta' erba' mija u ħdax-il ewro u disa' u disgħin ċenteżmu (€411.99), rappreżentanti danni sofferti sabiex tiġi mibdula c-ċavetta tal-vettura bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha relatata ma' din il-proċedura inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 1804/18 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1905/18.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**